

# Sena oħra ta' ħidma

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa. Din hija l-għaxar sena tiegħi bħala kaxxier ta' din l-Għaqda. Bħas-snin l-imgħoddija din is-sena għaddiet f'ħakka t'għajn u x-xogħol kien bla waqfien.

L-ispejjeż dejjem jiżdiedu u dan jirrikjedi ħafna sagrifiċċju fir-rigward tax-xogħol volontarju għaliex b'hekk jiġu ffrankati ħafna flus lis-Soċjetà. Ix-xogħol infrastrutturali fil-każin kompla għaddej u għadu għaddej bħalissa wkoll. Dawn ix-xogħlijiet ta' tiżbieħ fil-każin ukoll jirrikjedu ħafna spejjeż u x-xogħol volontarju minn diversi membri u benefatturi tal-Għaqda huwa ferm apprezzat. Ta' dan ngħidilhom Grazzi għax permezz tax-xogħol tagħhom jiġu ffrankati ħafna flus ukoll. Din is-sena l-Għaqda ngħatat fondi mill-Majjistral Action Group Foundation biex jgħinu fix-xogħlijiet li qed isiru fil-każin. Irrid ngħid li dan huwa ta' għajnuna kbira biex dawn ix-xogħlijiet setgħu jsiru.

L-ispejjeż tal-banda kull sena dejjem jogħlew fejn jirrigwarda l-bandisti barranin. Minn hawnhekk nixtieq ngħaddi messaġġ lill-bandisti tal-post u nħeġġiegħom biex kemm jista' jkun ma jfallux servizzi u jagħmlu l-almu tagħhom biex jattendu, għaliex b'hekk inkunu nistgħu niffrankaw xi ftit mill-ispejjeż tal-bandisti barranin.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor kien ta' għajnuna matul is-sena u nħeġġeġ biex iżjed membri jkunu aktar numerużi fl-attivitajiet li jsiru fil-każin minn żmien għall-ieħor għaliex l-attendenza tagħhom timliena bil-kuraġġ biex inkomplu ħidmietna lejn is-Soċjetà.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

**C. Vella & Sons Ltd.**

your one stop shop for cigarettes,
cigars, tobacco, confectionery, wines
and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha • Tel: 21520883 • Mob: 99498855 • cvellasons@gmail.com